MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 836/2002/1

**Lawrence u Carmen Cumbo**

**v.**

**Francis Degiorgio**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, interpost minn Francis Degiorgio, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' April 2004.

**2.** Permezz ta’ rikors ippresentat quddiem dik il-Qorti fid-19 ta’ Lulju 2002, il-konjugi Cumbo kienu talbu, konformement ma’ dak li jipprovdi l-Artikolu 258 tal-Kap. 12, li dik il-Qorti tawtorizzahom illi jipprocedu sabiex jezegwixxu sentenza moghtija mill-istess Prim Awla fil-21 ta’ Ottubru 1993 fl-ismijiet **Lawrence u Carmen Cumbo v. Francis Degiorgio**. Permezz ta’ din is-sentenza tal-1993 dik il-Qorti kienet ordnat l-izgumbrament ta’ Degiorgio fi zmien tlett xhur “mill-ambjenti kollha tal-fond ossia *garage* bla numru u bla isem gewwa St Anthony Street, Fgura”. Fir-rikors tad-19 ta’ Lulju 2002 ir-rikorrenti Cumbo, apparti li gguramentaw ir-rikors u ezibew kopja tas-sentenza tal-1993, fissru li “minkejja li kienu ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza [tal-21 ta’ Ottubru 1993] l-intimat baqa’ qatt ma vvaka tali fondi minkejja diversi tentattivi ta’ transazzjoni bejn il-partijiet li qatt ma wasslu [ghal] soluzzjoni.”

**3.** Permezz ta’ risposta ppresentata fl-20 ta’ Novembru 2003, l-intimat – appellant odjern – Francis Degiorgio oggezzjona ghat-talba sabiex is-sentenza tal-1993 tigi reza ezekuttiva u dan ghas-segwenti raguni:

**“Illi pero` wara li nghatat is-sentenza citata regghet saret skrittura ohra fis-26 ta’ Dicembru 1997…fejn il-konvenju originali rega’ gie mgedded bil-patt illi l-kuntratt ta’ bejgh isehh meta jithallas il-prezz kollu. Evidenza ta’ dan il-ftehim gdid huwa anke l-fatt illi r-rikorrenti[1] qatt ma pprocedew ghall-izgumbrament ta’ l-esponenti sa wara li ghalqu l-hames snin mid-data tas-sentenza.”** [2]

**4.** Ma’ din ir-risposta giet presentata kopja ta’ konvenju, riferibbilment ghall-*garage* imsemmi, datat 23 ta’ Dicembru 1989[3] (liema konvenju ovvjament gie sorpassat bis-sentenza tal-1993) u kopja ta’ skrittura datata 26 ta’ Settembru 1997[4]. Dawn u dawn biss huma l-provi f’din il-kawza. Ghall-precizjoni jigi senjalat li fil-premessi tac-

---

[1] Cioe` l-konjugi Cumbo.
[2] Fol. 22.
[3] Fol. 23.
[4] Fol. 24.

citazzjoni li kienet wasslet ghas-sentenza tal-1993, kif ukoll f'dik is-sentenza, jinghad li l-attrici Carmen Cumbo "kienet fuq talba tal-konvenut ikkoncediet lill-istess konvenut illi fl-intervall bejn l-imsemmi konvenju u l-att definittiv ta' bejgh u xiri u minghajr dritt jew titolu huwa jaccedi ghal u jokkupa l-imsemmi fond"; u li ghalkemm il-konvenju kien skada u l-att definittiv ta' bejgh u xiri ma kienx gie ppublikat Degiorgio kien "baqa' jokkupa l-imsemmi fond u interpellat jirrestitwixxi l-pussess ossia d-detenzjoni tal-istess fond, baqa' inadempjenti".

**5.** Permezz tas-sentenza aktar 'l fuq imsemmija tat-2 ta' April 2004, l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet ta' Degiorgio u laqghet it-talba tar-rikorrenti konjugi Cumbo sabiex ikunu awtorizzati jipprocedu jezegwixxu is-sentenza tal-1993, bl-ispejjez kontra l-istess Degiorgio, u dan wara li osservat hekk:

"Illi r-rikorrenti qed jitolbu awtorizzazzjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza moghtija fil-21 t'Ottubru, 1993 li permezz taghha l-intimat kien gie ordnat jizgombra mill-fond imsemmi. L-intimat qed jeccepixxi illi t-talba ghandha tigi respinta ghaliex fis-26 ta' Dicembru 1997 il-partijiet kienu geddew konvenju illi kienu ghamlu fl-1989 fir-rigward tal-istess fond. Gew esebiti kopji tal-iskritturi imsemmija u cioe` tal-konvenju u dik tal-1997.

"Jidher li l-partijiet kienu effettivament ikkontrattaw konvenju ghall-bejgh tal-fond in kwistjoni izda ghal xi raguni il-kuntratti finali ma sarx. Ghalhekk ir-rikorrenti pprocedew gha-izgumbrament u il-Qorti laqghet it-talba taghhom permezz tas-sentenza imsemmija.

"Fl-1997 saret skrittura ohra illi fiha l-intimati obligaw ruhhom li jhallsu pagamenti rateali *a saldu ta' dejn illi jezisti bhalissa bejn il-partijiet skond skritturi esistenti.* Evidentement il-partijiet kienu qed jirreferu ghall-bilanc li kellu jithallas skond il-konvenju. Fl-ahharnett il-partijiet ftehmu illi:

**"…sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha is-Sinjura Cumbo tirriserva illi f'kaz li ma' jsehhx wiehed mill-**

**pagamenti kif fuq indikat, hija terga tiehu pussess tal-garage fuq imsemmi".**

"Ghalkemm imkien ma' jghidu dan, l-intimati qed donnhom jeccepixxu n-novazzjoni. Skond l-Artiklu 1179 tal-Kapitolu 16 in novazzjoni issir meta jinbidel id-dejn, il-kreditur jew id-debitur. Ma hemmx dubju li l-ahhar zewg possibilitajiet ma jezistux fil-kaz in ezami u l-unika possibilita` hija li tbiddel id-dejn. Biss l-artiklu msemmi jaghmilha cara li meta ssir in-novazzjoni, id-dejn il-qadim jispicca ghal kollox. F'dan il-kaz fuq kollox ghamluha cara li l-flus dovuti skond l-iskrittura precedenti jibqghu dovuti. Kwindi l-iskrittura tal-1997 kienet biss konsolidament ta' dik precedenti. Imkien ma' issemma li l-effetti tas-sentenza kellhom jigu mitmuma."

**6.** Minn din is-sentenza appella l-intimat Degiorgio, permezz ta' rikors ta' appell datat 16 ta' April 2004. Huwa bazikament jikkontendi illi l-ewwel Qorti "ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi meta waslet ghall-konkluzjoni illi meta ffirmaw l-iskrittura tal-1997 ma sehhitx novazzjoni pero` konsolidament ta' l-iskrittura precedenti." Huwa jissenjala in partikolari r-rekwiziti ta' novazzjoni kif sintetizzati fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Jannar 1964 fil-kawza fl-ismijiet **Lewis Abela v. Joseph M. Briffa**., u jikkonkludi li l-provi kienu juru illi "l-obbligazzjoni ta' zgumbrament skond is-sentenza tal-1993 giet sostitwita kompletament b'obbligazzjoni gdida ta' hlas min-naha ta' l-appellanti u li jsir att ta' trasferiment." L-appellati, fir-risposta taghhom, ghamlu referenza ghal diversi sentenzi tal-Qrati taghna in tema ta' novazzjoni u b'mod partikolari ghan-necessita` li l-*animus novandi* jkun jirrizulta b'mod car u univoku.

**7.** Ezaminati l-atti kollha u l-ftit provi – dokumentarji – li hemm, din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax takkolji l-appell tal-intimat Francis Degiorgio. Apparti li l-partijiet fuq l-iskrittura tas-26 ta' Settembru 1997 ma humiex l-istess partijiet li ffirmaw il-konvenju tat-23 ta' Dicembru 1989 u li kienu parti fil-kawza deciza fl-1993 – il-konvenju u l-kawza tal-1993 jirreferu ghall-<u>konjugi</u> Cumbo min-naha u Francis Degiorgio min-naha l-ohra, mentri l-iskrittura tal-1997

saret bejn Carmen Cumbo biss min-naha u Francis Degiorgio, Maria Concetta Degiorgio u Joseph Gili min-naha l-ohra – hu risaput li novazzjoni mhix prezunta u li l-intenzjoni li ssir (l-*animus novandi*) ghandha tirrizulta b'mod car u univoku; li ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula; u li f'kaz ta' dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza. Din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel referenza ghas-segwenti zewg sentenzi pjuttost recenti: **John's Garage Ltd v. Nicholsons The Supermarket Ltd**, App. Inferjuri, 22/6/2005 u **C&B Autoparts Ltd v. Caroline u Mario konjugi Spiteri** deciza minn din il-Qorti, diversament komposta, fl-1 ta' Lulju 2005. Minn ezami tal-iskrittura tas-26 ta' Settembru 1997 din il-Qorti b'ebda mod ma tista' tghid li jirrizulta b'mod car u univoku li l-partijiet firmatarji taghha riedu jestingwu l-obbligazzjoni, "kanonizzata" bis-sentenza tal-1993, li Francis Degiorgio jizgombra mill-*garage*. L-ahhar paragrafu tal-iskrittura tas-26 ta' Settembru 1997[5] hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, mod ta' kif Carmen Cumbo ippruvat tissalvagwardja, bl-uzu ta' kliem infelici, dejn ezistenti skond "skritturi" (fil-plural, u ghalhekk mhux neccessarjament referenza ghall-konvenju tal-1989 kif donnha rriteniet l-ewwel Qorti) precedenti[6]; pero` b'ebda mod ma jista' jinghad li hawn ghandek b'mod car u univoku l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni li Degiorgio jizgombra mill-*garage* kif ordnat jaghmel bis-sentenza tal-1993.

**8.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

[5] Li jghid hekk: "Illi sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha, is-Sinjura Cumbo tirriserva illi, f'kaz illi ma jsehhx wiehed mill-pagamenti kif fuq indikat, hija terga' tiehu pussess tal-garage fuq imsemmi."

[6] Ara l-kliem ta' l-iskrittura tal-1997, fi tmiem l-ewwel paragrafu sostantiv taghha, li huma hekk: "…a saldu ta' dejn illi jezisti bhalissa bejn il-partijiet skond skritturi ezistenti."

---------------------------------TMIEM---------------------------------